**Nru. 1070**

**L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali Limitat**

BI qbil ma' Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007) rigward l-applikazzjoni msemmija hawn taħt, u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien ta' l-Ambjent jaqbel li il-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) ippreżentat bħala parti mill-applikazzjoni ħadet in konsiderazzjoni b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldqastant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux ser iżżid informazzjoni ġdida u l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi din l-applikazzjoni. Mill-informazzjoni li ġiet ippreżentata d-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u l-i*screening* li sar skont Skeda IB tal-istess Regolamenti, mhux probabbli li l-proposta jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Riferenza: PA 00766/08
Post: Sit f'Triq il-Port Ħieles, Birżebbuġa
Proposta: Kumpless tal-*football*

L-effetti potenzjali fuq l-ambjent flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) sottomess lill-Awtorità fit-2 ta' Awwissu 2010 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Studju dwar l-Impatt Ambjentali sottomessa fit-31 ta' Awwissu 2010.

**No. 1070**

**MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY**

**Exemption of Environmental Planning Statement**

IN conformity with Regulation 3 (8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007) in respect of the application mentioned hereunder, and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: PA 00766/08
Location: Site at Triq il-Port Ħieles, Birżebbugia
Proposal: Football Complex

The following potential environmental concerns were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 2nd August 2010 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 31st August 2010.

| **Impatti potenzjali**<br>***Potential Impact*** | **Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.**<br>***Remarks on mitigation measures, etc.*** |
|---|---|
| Storbju u vibrazzjonijiet | L-impatt tal-istorbju waqt l-iskavar u kostruzzjoni fuq ir-riċetturi sensittivi fil-madwar, se jkun ikkumpensat mill-applikazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni skont ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni, 2007. |
| *Noise and vibrations* | *Noise impacts during excavation and construction on the adjacent sensitive receptors will be offset by application of standard mitigation measures in accordance with the Environmental Management Construction Site Regulations, 2007.* |
| Topografija | Il-*ground* tal-*football* jinsab f'distanza minima ta' 3 metri mill-għalqa ta' fuq ta' Wied il-Qoton u b'hekk l-impatti topografiċi fuq il-wied ġew mnaqqsa. |
| *Topography* | *The football ground is located at a minimum distance of 3 metres from the upper terrace of the adjacent valley thus minimising topographical impacts on the adjacent valley.* |
| Idroloġija | Is-sit propost jinsab fil-limiti ta' fuq ta' Wied il-Qoton. Miżuri ta' mitigazzjoni biex jikkumpensaw l-impatti jinkludu l-ġbir tal-ilma ġo ġiebja fejn l-istess ilma se jintuża għat-tindif tal-*ground* u jerġa' jinġabar fl-istess ġiebja wara li jkun ġie msaffi. |

| | |
|---|---|
| *Hydrology* | *Proposed site lies within the upper limits of Wied il-Qoton. Mitigation measures to offset impacts include the installation of controlled water runoff systems.* |
| Trabijiet u l-kwalità tal-arja | Peress li t-tħaffir huwa f'ammont żgħir, it-trab iġġenerat huwa mistenni li jkun mill-anqas. It-trab ser jiġi mtaffi permezz ta' miżuri ta' mitigazzjoni skont ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni, 2007.<br><br>Iż-żieda fit-traffiku mill-proġett mhuwiex mistenni li jkollu impatt sinifikanti fuq il-kwalità tal-arja. |
| *Air Quality* | *Excavation is minimal therefore dust produced may be minimal and shall be offset by the application of standard mitigation measures in accordance with the Environmental Management Construction Site Regulations, 2007.*<br><br>*Envisaged traffic generated by the project will generate a negligible effect on the air quality.* |
| Impatt viżiv | Il-proġett propost jinsab kontigwu ma' żona residenzjali u l-Awtorità qed tesiġi li l-*ground* jiġi integrat fil-pajsaġġ tal-madwar billi l-ammont ta' strutturi fuq l-art ikun imnaqqas. L-impatt viżiv tal-proposta se jittaffa permezz ta' twettiq ta' skema ta' *landscaping* mad-dawra tas-sit. L-iskema tal-landscaping man-naħa residenzjali tal-proġett għandha tinkludi lqugħ (*buffer*) għall-ħsejjes magħmula waqt il-proġett. |
| *Visual Impacts* | *The proposed project is located adjacent to a residential area and is sought to be integrated within the surrounding landscape by minimizing the construction of structures above ground level. The visual impact of the proposal is further mitigated through the implementation of a suitable landscaping scheme that screens the development on all fronts. The landscaping scheme is implemented on the residential side of the project should consider the provision of a buffer for noise emitted during the operational stage of the project.* |

Minkejja dak li jissemma hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieg biex tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni.

Is-26 ta' Ottubru, 2010

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

26th October, 2010

**Nru. 1071**

**ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)**

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

**No. 1071**

**GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT**

**(CAP. 46)**

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

| Data<br>*Date* | Deheb Pur Gramma<br>*Pure Gold Grams* | Fidda Pura Gramma<br>*Pure Silver Grams* |
|---|---|---|
| 26. 10. 10 | €30.709 | €0.558 |

Is-26 ta' Ottubru, 2010

26th October, 2010